**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tal-20 ta' Ġunju 2012 — Menidiatis vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-79/11)** ([1])

***(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Reklutaġġ — Ċaħda ta' kandidatura — Eżekuzzjoni tas-sentenza ta' annullament — Terminu raġonevoli — Miżuri ta' eżekuzzjoni individwali — Telf ta' opportunità)***

(2013/C 46/57)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Andreas Menidiatis (Rhode-Saint-Genèse, il-Belġju) (rappreżentant: S. Pappas, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u G. Berscheid, aġenti)

**Suġġett**

Servizz pubbliku — Talba intiża għall-ħlas ta' somma lir-rikorrent bħala kumpens għad-danni materjali u morali allegatament subiti minħabba n-nuqqas ta' miżuri ta' eżekuzzjoni tas-sentenza F-128/07

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *A. Menidiatis għandu jbati l-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannat għall-ispejjeż sostnuti mil-Kummissjoni Ewropea.*

([1]) ĠU C 311, 22.10.2011, p. 47.

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tal-11 ta' Diċembru 2012 — Vienna vs Il-Parlament**

**(Kawża F-97/11)** ([1])

***(Servizz pubbliku — Skema ta' ħlas — Allowances tal-familji — Allowance tad-dar — Tmiem tad-dritt tal-allowance tad-dar — Xoljiment taż-żwieġ)***

(2013/C 46/58)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Philippe Vienne (Moutfort, il-Lussemburgu) (rappreżentanti: P. Nelissen Grade u G. Leblanc, avukati)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: M. Ecker u S. Alves, aġenti)

**Suġġett**

Servizz Pubbliku — Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Parlament fir-rigward tad-data effettiva tal-bdil tal-istat ċivili li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni għat-tneħħija tal-allowance tad-dar wara deċiżjoni ċivili li ddikjarat id-divorzju tar rikorrent.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *P. Vienne għandu jbati, minbarra l-ispejjeż tiegħu stess, l-ispejjeż tal-Parlament Ewropew.*

([1]) ĠU C 347, 26.11.11, p. 47.

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tat-13 ta' Diċembru 2012 — Mileva vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-101/11)** ([1])

***(Servizz Pubbliku — Kompetizzjoni ġenerali — Avviż ta' kompetizzjoni EPSO/AD/188/10 — Nuqqas ta' inklużjoni fil-lista ta' riżerva — Kompożizzjoni tal-Bord tal-Għażla — Membri permanenti jew mhux permanenti)***

(2013/C 46/59)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Tzena Mileva (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: inizjalment minn E. Boigelot, avukat, sussegwentement minn G. Generet, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u B. Eggers, aġenti)

**Suġġett**

Servizz Pubbliku — Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla tal kompetizzjoni ġenerali EPSO/AD/188/10 — INTERPRETI għall-BULGARU (BG), li r-rikorrenti ma titniżżilx fil-lista ta' riżerva tal-imsemmija kompetizzjoni u t-talba għal kumpens għad-danni morali u materjali.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *T. Mileva għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess u hija kkundannata għall-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

([1]) ĠU C 6, 07.01.2012, p. 25.